## TAQSIMA Ċ: Stqarrija għall-iStampa (60 Marka)

*Ikteb stqarrija għall-istampa ta' mhux aktar minn 300 kelma msejsa fuq it-test t'hawn taħt:*

FTEHIM DWAR L-ARRANĠAMENTI GĦAL ĦRUĠ ORDNAT

... Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ser ikollu impatt fuq impriżi tal-UE li jinnegozjaw mar-Renju Unit u li joperaw fir-Renju Unit, kif ukoll fuq impriżi tar-Renju Unit li jinnegozjaw mal-Unjoni u li joperaw fl-Unjoni. Bl-istess mod, jista' jaffettwa wkoll lil min ikkonkluda kuntratti u arranġamenti kummerċjali jew li jieħu sehem fi programmi ffinanzjati mill-UE abbażi tas-suppożizzjoni li r-Renju Unit jibqa' membru tal-UE. In-negozjati għandhom jipprovaw jevitaw vojt ġuridiku ladarba t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u, kemm jista' jkun, jindirizzaw l-inċertezzi.

Saldu finanzjarju wieħed - inkluż kwistjonijiet li jirriżultaw mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) kif ukoll dawk relatati mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) - għandu jiżgura li kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Renju Unit jirrispettaw l-obbligi li jirriżultaw mill-perjodu kollu tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni. Is-saldu għandu jkopri l-impenji kollha kif ukoll l-obbligazzjonijiet, inkluż l-obbligazzjonijiet kontinġenti.

L-Unjoni appoġġat b'mod konsistenti l-objettiv ta' paċi u rikonċiljazzjoni minqux fil-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fil-partijiet kollha tiegħu, u t-tkomplija tal-appoġġ u l-protezzjoni tal-kisbiet, il-benefiċċji u l-impenji tal-Proċess ta' Paċi ser tibqa' ta' importanza assoluta. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi uniċi fil-gżira tal-Irlanda, ser ikunu meħtieġa soluzzjonijiet flessibbli u immaġinattivi, inkluż l-għan li tiġi evitata fruntiera fiżika, waqt li tiġi rrispettata l-integrità tal-ordni legali tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-Unjoni għandha wkoll tirrikonoxxi l-ftehimiet u l-arranġamenti bilaterali eżistenti bejn ir-Renju Unit u l-Irlanda li huma kompatibbli mad-dritt tal-UE...

...Wara l-ħruġ, ir-Renju Unit ma jibqax kopert bi ftehimiet konklużi mill-Unjoni jew mill-Istati Membri li jaġixxu f'isimha jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu flimkien. L-Unjoni ser ikompli jkollha d-drittijiet u l-obbligi tagħha fir-rigward ta' ftehimiet internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistenna li r-Renju Unit jonora s-sehem tiegħu tal-impenji internazzjonali kollha li daħal għalihom fil-kuntest tas-sħubija tiegħu fl-UE. F'każijiet bħal dawn, għandu jkun hemm djalogu kostruttiv mar-Renju Unit dwar approċċ komuni possibbli lejn pajjiżi terzi sħab, organizzazzjonijiet internazzjonali u konvenzjonijiet ikkonċernati.

Il-ftehim dwar il-ħruġ ikun jeħtieġ jindirizza wkoll kwistjonijiet potenzjali li jirriżultaw mill-ħruġ f'oqsma oħra ta' kooperazzjoni, inkluż kooperazzjoni ġudizzjarja, infurzar tal-liġi u sigurtà.

Filwaqt li l-post futur tas-sedi tal-aġenziji u l-faċilitajiet tal-UE li jinsabu fir-Renju Unit hija kwistjoni li trid tiġi solvuta malajr mis-27 Stat Membru, għandhom jinstabu arranġamenti biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tagħhom.

Għandhom jinstabu arranġamenti li jiżguraw iċ-ċertezza tad-dritt u t-trattament ugwali għall-proċeduri ġudizzjarji kollha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-data tal-ħruġ li jinvolvu lir-Renju Unit jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi fir-Renju Unit. Il-qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tibqa' kompetenti li tiddeċiedi dwar dawn il-proċeduri. Bl-istess mod, għandhom jinstabu arranġamenti għall-proċeduri amministrattivi pendenti quddiem il-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji tal-Unjoni fid-data tal-ħruġ li jinvolvu lir-Renju Unit jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi fir-Renju Unit. Barra minn hekk, għandhom ikunu previsti arranġamenti għall-possibbiltà li proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji jinbdew wara l-ħruġ għal fatti li jkunu seħħew qabel id-data tal-ħruġ.

(Kunsill Ewropew: Linji gwidi wara n-notifika mir-Renju Unit skont l-Artiklu 50 TEU - 29 ta'April 2017)

TMIEM



Eżami għall-postijiet ta' *Second Secretary*

fis-Servizz Diplomatiku

tal-Gvern ta' Malta

## KARTA TAL-MALTI

29 ta' Mejju 2018

Ħin allokat: Tliet Sigħat

**AQRA B'ATTENZJONI DAN IT-TAGĦRIF GĦALL-KANDIDATI**

**<u>QABEL</u>**

**TIBDA TWIEĠEB IL-MISTOQSIJIET**

*Wieġeb it-tliet taqsimiet.*

*Żomm quddiem għajnejk li dan huwa eżami tal-Malti u għalhekk ħiliet fil-kitba tal-Ilsien Malti ser jingħataw għadd ta' marki.*

## TAQSIMA A: Traduzzjoni (70 Marka)

*Aqleb f'Malti idjomatiku*

The Changing Nature of Diplomacy

The changing nature of diplomacy merits detailed attention. Alterations in the institutional architecture of global governance have a strong impact on diplomacy and the day-to-day activities of diplomats. The domain and scope of diplomatic activity has shifted appreciably. The purpose of diplomacy and what it deals with is increasingly contested. So is the question about who counts as diplomats and who does diplomacy. The demarcation among advocacy, foreign policy, diplomacy, and philanthropy has become increasingly blurred. Is diplomacy conducted in the confines of embassies and ministries of foreign affairs or through a broader dialogue between states? Should the engagement by other actors at alternative sites also count as diplomacy? How should the role of nongovernmental organizations (NGOs), celebrities, foundations, and multinational firms (MNFs) fit in? Within the complex and multifaceted world that is continuing to emerge, the demand for diplomats hinges on their ability to adapt, with a failure to do so pushing them into marginalization and irrelevance. The works reviewed in this article address the puzzle about why and how diplomacy has come to terms with this array of challenges. Some works presented are fundamentally critical of diplomacy and are skeptical about its ability to undergo a thorough process of transformation. Other works, however, point to the varied means by which the performance and functions of diplomats have undergone transition. An overview of the general context underpinning the nature of the debate about the changing nature of diplomacy is first provided. A second section reviews the rich body of theoretical works that shapes the discussion. A third section probes the nuances of changes in the operational practice of diplomacy. And a fourth and final section centers on the debate about the degree of change that has taken place within the internal apparatus of diplomacy. The overall conclusion is that a survey of these works reveals that diplomacy is no longer a traditional set of activities that focuses exclusively on government-to-government relations as some critics still contend. Rather, diplomacy both institutionally and through its mechanisms has witnessed substantive changes in recent years, and it remains a crucial component of world politics.

The debate about the changing nature of diplomacy has been stimulated largely because of the shift in the institutional format dealing with the management of global problems. The primary role of diplomats is no longer the conduct of negotiations between foreign governments to avoid war. The crises related in Iraq, Afghanistan, and Libya provided diplomacy with a heightened salience. Yet, changes in diplomacy go beyond a renewed relevance with what is commonly defined as "high politics." The world faces new challenges and opportunities (proliferation of regional/bilateral trade deals, global warming, epidemics beyond borders, cyber security, just in time communications, among other issues) so that new types of global problem solving mechanisms are needed. Diplomats are called upon to position themselves into the new global governance mechanisms that have taken shape. Trade, environment, culture, different forms of security, health, and immigration are now an integral part of their activities, whether at home in the foreign ministries, in multilateral missions, or in bilateral foreign postings. To capture this shift in contextual conditions, this section delves into the sources that present general overviews followed by a longer list of textbooks, practitioners' perspectives, and journals related to the changing nature of diplomacy.

Andrew F. Cooper & Jeremie Cornut, The Changing Nature of Diplomacy.



## TAQSIMA B: Taqsira (70 Marka)

*Qassar dan li ġej kemm jista' jkun fi kliemek f'bejn 150 u 180 kelma.*

" ... Hemm bidliet li jġib miegħu ż-żmien li jkollok taċċettahom bħala prezz tal-progress. Ngħidu aħna, illum il-kotra ntrefgħet bit-tagħlim tal-qari, ma nistgħux nistennew li l-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' niesna tibqa' tgħid dak it-talb qadim, imsejjaħ "orazzjonijiet", li fihom infishom kienu sbieħ ħafna, ladarba jafu jaqraw u għandna kotba tal-knisja bil-Malti. Dawn u ħwejjeġ oħra jispiċċaw ħelu ħelu, u kull ma nistgħu nagħmlu hu li niġbruhom qabel ma jmutu għal kollox biex iservu ta' dokument ħaj tal-imgħoddi, u bħal testi ġenwini għall-istudju tal-lingwa u tal-psikoloġija popolari.

Biss imbagħad hemm drawwiet li t-twarrib tagħhom jidher li sar jew qed isir bla ħsieb, u bi ftit ta' rieda tajba jistgħu jerġgħu jitqajmu mingħajr ma joħolqu ebda tfixkil, bħal ma sar sentejn ilu fil-każ tal-Banda tal-Imnarja. Insemmu tnejn biss minn dawn id-drawwiet – il-ħġejjeġ ta' San Ġwann u l-Ġostra fil-Port il-Kbir nhar il-Vitorja. Huma żewġ drawwiet li għandhom rabta storika wkoll ma' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, u ma jridux wisq biex jerġgħu jidħlu fil-kalendarju tal-avvenimenti folkloristiċi ta' matul is-sena, jekk hemm bżonn b'xi tibdil żgħir minn kif kienu jsiru qabel. Imma, kif għedna, irid ikun hemm rieda tajba biex dan iseħħ. L-istess ħaġa ngħidu għall-*Parata*, żifna li tintrabat ma' dik li fil-kontinent tissejjaħ *La Moresca* u li biha, skont tradizzjoni li tmur lura sa żmien il-Gran Mastri, irid jibda l-Karnival ta' Malta, waqt li kif qed tinżifen illum tilfet it-tifsira tagħha u tħalltet maż-żifna l-oħra *Il-Maltija* b'mod li ġew sfigurati sew kemm il-waħda kif ukoll l-oħra.

Drawwiet oħrajn li ma nistgħux nreġġgħu lura għall-ħajja nistgħu nħallu tifkira dokumentata tagħhom fil-Mużewijiet tal-Folklor li nfetħu xi snin ilu, wieħed f'Malta u ieħor f'Għawdex. Biss, ikollna ngħidu li għadna 'l bogħod biex dawn il-mużewijiet jilħqu l-livell meħtieġ f'dik li hi firxa ta' aspetti tal-ħajja b'espressjoni folkloristika kif ukoll fl-għażla u l-preżentazzjoni tal-oġġetti u fil-konċett innifsu ta' mużew ta' din ix-xorta, e.g. jekk tqegħidx kollox taħt is-saqaf jew le, u jekk imissux inbeda diġà l-ġbir minn bosta bnadi mxerrdin ta' materjal sussidjarju viżwali u tal-udit biex iservi ta' bażi għal arkivju tal-folklor.

Huwa fatt ukoll illi xi aspetti tal-folklor, flok issaħħu, iddgħajfu. Nafu li, bil-maqlub ta' li ġara fl-għana u d-daqq tradizzjonali, fin-narrattiva popolari morna lura wisq. Il-ħrejjef Maltin, miġbura b'għożża kbira minn fomm missirijietna f'ewwel snin ta' dan is-seklu minn Patri Manwel Magri u minn studjużi barranin bħal Bertha Ilg u Hans Stumme, biex ma nsemmux oħrajn ta' żmienna, qajla għadek tismagħhom fil-ġabra tad-djar. It-tfal imdawrin m'ommhom m'għadhomx jissaħħru bil-kelma ħajja Maltija tal-ġrajja ta' Bin il-Mara l-Għarfa, tax-Xebba tal-Ġmiel, tad-Dragun Draganti, tas-Sansun Malti, ta' Ċosolina u oħrajn bħalhom. Flokhom illum jirrakkontawlhom, aktarx b'ilsien ieħor, stejjer oħra, sbieħ kemm tridhom u magħrufin f'bosta pajjiżi, imma stejjer li m'għandhom l-ebda għeruq f'pajjiżna. Is-sengħa tar-rakkont ħaj bil-Malti tista' tgħid li mietet għal kollox hawn Malta. *Imnalla* li għadna nistgħu nsibu xi ftit minn dawn il-ħrejjef Maltin, maħruġin f'kotba żgħar bl-istampi adattati għat-tfal.

Test meħud minn "**Is-sehem tal-folklor fl-identità kulturali Maltija**" Ta' Ġużè Cassar Pullicino